# Il-Ħadd 23.09.2018

1. Illum 23/09:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha qed nistiednu b'mod speċjali lill-għalliema li huma jew joqgħodu fil-Parroċċa tagħna, u lit-tfal kollha biex iġibu l-basktijiet tal-iskola sabiex fl-aħħar tal-quddiesa nagħmlu talba tal-barka hekk kif ser tibda sena skolastika u edukattiva ġdida.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

   N.B. Nawguraw sena ta' edukazzjoni u formazzjoni tajba.

2. Il-Ħamis 27/09:
   - Fis-6.30pm - Velja ta' talb b'tema ambjentali ġewwa St Andrew's Scots Church, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta bis-sehem ta' rappresentanti tal-Knejjes Kristjani kollha li għandna f'pajjiżna. Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent tħeġġeġ lil kulħadd biex jieħu sehem.

3. Il-Ġimgħa 28/09: **Pellegrinaġġ bix-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju taż-Żurrieq li jibda mill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi u jispiċċa fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq**
   - Fis-5.45pm - Nibdew bit-Talba ta' Filgħaxija (l-Għasar) fil-Knisja ta' Ħal Safi;
   - Fis-6:00pm - Pellegrinaġġ li matulu jingħad ir-Rużarju;
   - Fis-7:30pm - Quddiesa fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq.
   - Il-pellegrinaġġ jgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq iż-Żurrieq, Triq Sant'Andrija, Triq San Bartilmew, Triq il-Ħaddiema, Triq Pietru Pawl Saydon għall-knisja taż-Żurrieq.

   Kulħadd imħeġġeġ jieħu sehem.
   ***Infakkar li fil-Parroċċa tagħna ma jkollniex il-Quddiesa tas-6:30pm***.

4. Avviżi oħra marbutin mal-andament tad-duttrina għal din is-sena:
   - Infakkar li minħabba l-liġijiet ġodda li daħlu fis-seħħ minħabba l-Protezzjoni tal-Informazzjoni, ***il-ġenituri kollha li ser jibgħatu lil wliedhom għad-duttrina għandhom jaraw li jirreġistrawhom*** u dan billi jieħdu formoli apposta li ser jitqassmu lilhom fil-laqgħat tal-ġenituri organizzati mis-Superjuri rispettivi tal-MUSEUM, u wara li jimlewhom iġibuhom magħhom għall-quddiesa tal-Bidu tas-sena tad-Duttrina li ser issir nhar it-Tnejn 1/10 fis-6:30pm. Min qed jirreġistra lil uliedu għall-ewwel darba, mal-formola mitlub jhemeż iċ-ċertifikat tal-Magħmudija li jinkiseb mill-uffiċċju parrokkjali tal-knisja fejn irċevew dan is-sagrament.
   - Il-jiem tad-duttrina fil-Parroċċa tagħna ser ikunu hekk:-

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Subien:** | *Mill-Yr 1 sal-Yr 5*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- | bejn il-5:30pm u s-6:25pm |
| | *Mill-Yr 6 'il fuq*: | Kuljum (barra l-Erbgħa):- | bejn is-7:00pm u t-8:00pm. |
| **Bniet:** | *Yr 1 sa Yr 4*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- | bejn il-4:45pm u l-5:30pm |
| | *Yr 5 sa Fm 2*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- | bejn is-5:45pm u s-6:30pm |
| | *Fm 3 'il fuq*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- | bejn is-6:45pm u s-7:15pm. |

   N.B. Ma nimpenjawx lit-tfal bi privatijiet u lezzjonijiet tal-kant, żfin, futboll, eċċ. f'dal-ħinijiet.

5. Avviżi oħra:-
   - Il-Ġimgħa 28/09, fis-7:00pm, Laqgħa organizzata mill-Moviment ta' Kana għall-Operaturi Pastorali li jaħdmu fil-qasam tal-familja fis-Sala San Ġorġ Preca tal-Istitut Kattoliku, Floriana.

6. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Min għalaq l-55 sena u jixtieq jieħu t-tilqima kontra l-influwenza hu mitlub jinkiteb fl-Uffiċċju tal-Kunsill u jieħu miegħu l-karta tal-identità.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 250 bħala ġabra speċjali b'risq il-Missjoni tal-Art Imqaddsa. Grazzi mill-qalb.